MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' April, 2013

Numru. 1442/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**KONTRA**

**KEVIN CHARLES MICALLEF ta' 41 sena, iben Vincent u Carmen nee' Muscat, imwieled Hat-Attard nhar is-27 ta' Marzu, 1971, u residenti fil-fond numru 33, Micabliss, Triq Dun Gwann Farrugia, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita' numru 172571M;**
**U JOANNA SIVE JOSEPHA-ANNA MIFSUD ta' 40 sena, mart Kevin Charles Micallef, bint Paul Mifsud u Carmen nee' Gauci, imwielda tal-Pieta' nhar is-16 ta' Jannar, 1972, residenti fil-fond numru 33, Micabliss, Triq Dun Gwann Farrugia, Zejtun, detentrici tal-karta tal-identita' numru 79072M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Kevin Charles Micallef** u **Joanna sive Josepha-Anna Mifsud** li gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, matul is-snin 2002, 2003 kif ukoll is-snin ta’ wara, b’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

2. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamlu uzu minn skrittura privata falza, liema skrittura privata setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

3. U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

4. **Lil Kevin Charles Micallef wahdu** talli sar recidiv ghall-finijiet tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, wara li gie kkundannat precedentement b’sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Dr T Micallef Trigona LL.D nhar it-02.07.1999) li saret definittiva u ma tistax aktar tigi mibdula.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-istess.

Rat ukoll illi l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi gie ezebit il-kunsens tal-Avukat Generali dwar l-istess.

L-Ispettur Anthony Cassar, fuq allegazzjoni ta’ certu Nadine Cachia li rrapportat falsifikazzjoni fuq certifikat ta’ bejgh ta’ qattus, ha l-istqarrijiet tal-imputati tul l-investigazzjoni. Ghalhekk ezebixxa t-tnejn kemm huma – dik ta’ Kevin Charles Micallef Dok KCM, u dik ta’ Joanna Mifsud Micallef bhala Dok JMM.

Dawn l-istqarrijiet it-tnejn ittiehdu fis-sena 2006, ghalhekk qabel ma l-investigat kellu d-dritt tal-ghajnuna legali.

Fl-istess stqarrija l-imputat qal illi kienet l-gharusa tieghu, illum martu, li kienet xtrat qattus minghand Nadina Cachia tar-razza Persjana. Ammetta li fuq il-kuntratt ta’ dan il-bejgh kien hemm kundizzjoni li din il-qattusa ma titghammarx. Qal pero li Nadine naqset minn naha taghha li tirregistra c-certifikat tal-qattus mal-assigurazzjoni. Ammetta li wara ghammar il-qattusa, u qal illi kien ser jaghti l-flus lil Nadina tal-breeding rights. Ammetta li hu kien baghat certifikat lil Malta Feline Fenciers, pero mhux li ffalsifika l-istess. Ammetta wkoll illi kien xtara zewg qtates minghand Mrs Debrincat. Dejjem baqa’ jinnega li hu baghbas xi certifikat.

Minn naha taghha, il-ko-imputata Joanna Mifsud Micallef, mart l-imputat, fl-istqarrija qalet li hi kienet trabbi qtates, tghammar le. Ikkonfermat illi kienet xtrat qattusa minghand Nadine Cachia, tar-razza Persjana. Qalet illi ma kellha ebda ntenzjoni tghammar il-qattusa, u li ma kinitx taf x’kundizzjonijiet kellu l-kuntratt, ghax hi ffirmatu bla ma qratu – kienet tinteressaha l-qattusa. Qalet illi l-qattusa kienet tatha lir-ragel taghha. Ma kinitx taf jekk il-qattusa kellhix frieh. Kienet taf li kienet imsewwija. Ammettiet illi kien hemm ma’ Nadine Cachia dwar dan, cioe’ ghax tghammret il-qattusa. Qalet illi l-qattusa Kevin kien izommha ghand ommu, allura jekk kienet tqila qatt ma ratha. Qalet illi zewgha kellu xi jghid ma’ Debrincat – minghand min kien xtara qtates ukoll. Minn naha taghha WPS 156 gharfet il-firma tal-imputata fuq l-statement.

Xehdet Nadine Cachia. Qalet illi kienet delettanta tal-qtates. Qalet illi hi bieghet qattusa lil Joanna Mifsud, illum mart l-imputat, bil-kundizzjoni li nxtrat biss ghax-show mhux biex titghammar – klawsola din imnizzla skondtha fil-pedigree tal-istess qattusa. Qalet illi xi tliet gimghat wara dan il-bejgh, rat l-istess qattusa fuq il-website ta’ Kevin C Micallef. Cemplet lil Joanna li qaltilha li dik ma kinitx l-istess qattusa. Bdiet proceduri civili. Ikkuntattjat lil certu Jonathan Attard, dak iz-zmien ir-Registrar tal-Malta

Felince Fenciers, li qallha li kien ircieva minghand certu Kevin Micallef talba biex jigi registrat qattus fil-prefiss “Shalimar”, li kien dak uzat mix-xhud. Qallha wkoll illi ma kien hemm ebda kundizzjoni fuq il-kuntratt li din il-qattusa ma kinitx “for breeding purposes.”
Qaltlu li jekk ihares lejn il-kuntratt, kellu jsib taht ir-registration number, il-kliem “Show without breeding rights.” Qallha li fic-certifikat tieghu ma kien hemm xejn minn dan, anzi kien hemm “gap”. Ezebiet il-kopja tac-certifikat li kien ezebixxa l-imputat fil-kawza civili, Dok NC folio 31. Ezebiet il-kopja tac-certifikat kif kellu jkun skont hi, bil-kliem “show no breeding rights.” (folio 37, Dok NC1). Qalet ghalhekk illi meta hi harget ic-certifikat, dik il-gap li tidher fejn suppost hemm imnizzel il-kliem, ma kinitx tezisti.

Xehed ghalhekk Jonathan Attard bhala r-Registrar tal-Malta Feline Fenciers. Qal illi fiz-zmien tal-incident, l-imputat Kevin kien membru tal-club. Xehed ukoll illi f’okkazjoni kien kellem lil Nadine Cachia dwar applikazzjoni ghar-registration li kien ircieva, nonostante li l-pedigree kienet mahruga fuq haddiehor. Qal illi wara din id-diskursata, fejn Nadine Cachia kienet qaltlu li hi kienet bieghet lil Joanne Mifsud mhux lil Kevin Micallef, kienu rcevew ittra minghand l-avukat ta’ Cachia li ried kopja tal-pedigree mibghuta. Qal illi hu kien talab l-original tac-certifikat lil Kevin Charles Micallef, pero dan qatt ma baghtu. Qal dak li allura qallu haddiehor, dwar il-kundizzjoni li giet mibdula. Baqa’ jinsisti li l-original qatt ma gie f’idejh, pero qal illi l-qattusa kien xorta rregistraha.

Giet ezebita wkoll mill-Ispettur Anthony Cassar, sentenza in sostenn tal-akkuza ta’ recidiva. Xehed ukoll ghaldaqstant l-Ex Spettur Paul Camilleri.

Saru wkoll noti ta’ sottomissjonijiet dettaljati.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti, wara li rat il-provi migjuba, tista’ ad occhio tasal biex tikkonkludi li certament hemm differenza bejn iz-zewg certifikati ezebiti minn Cachia, Dok NC u Dok NC1.

Cachia tispjega li hemm fil-fatt kliem neqsin kif gie premess.

Haga tal-iskantament, il-Prosekuzzjoni jew il-parte leza, **qatt (enfasi tal-Qorti)** lill-Qorti ma waslu biex jezebixxu l-original tac-certifikat suppost alterat. Donnhom qed jippretendu li dan isir mid-Difiza!!!

Illi stranament wkoll, illi fuq tali fotokopja, l-istess qattusa giet registrata mal-assoccjazzjoni!!

Illi in mankanza tac-certifikat originali, jew provi ohra, din il-Qorti ma tistax tasal biex sal-grad li trid il-Ligi, issib htija, ghalhekk tillibera liz-zewg imputati mll-akkuzi migjuba kontrihom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------